Minuti tat-32 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Gimgha 21 ta' Ottubru, 2011.
Il-laqgha nbdiet hin 2.45pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

| **Ufficjali:** | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |

1. **Approvazzjoni tal-Minuti tal-31 laqgha.**

1.1 Il-Minuti tal-31 laqgha gew approvati u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

2. **Kwotazzjonijiet tat-transport.**

2.1 Gie spjegat illi wara li Joseph Custo' gie ikkuntattjat sabiex jibda is-servizz tat-transport tat-tfal tal-iskola, dan iddikjara li ma jistax jaghti s-servizz tat-transport tat-tfal tal-iskola peress li ma kellux 22 seater disponibbli. Gie spjegat ghalhekk illi dan is-servizz issa qed jinghata minn Paul Borg li bhala *item* partikolari kien l-irhas ghall-prezz ta' €29.40 kull trip bir-ritorn. Il-Kunsill qabel unanimament.

3. **Progett OBIMED.**

3.1 Gie spjegat illi bejn is-7 u 8 ta' Novembru, 2011 ser tkun qed tinzamm laqgha tal-kumitat ta' moniteragg tal-progett li ghaliha jkunu prezenti il-parterns kollha fosthom il-*lead partner* il-Kunsill ta' Sciacca. Peress li l-Kunsill Lokali l-Gharb ghandu l-vot ghal-logistika ta' din il-laqgha gie deciz li ser jintalbu kwotazzjonijiet ghall-kiri ta' sala fejn issir il-laqgha flimkien ma catering mehtieg. Kopja tal-Agenda tal-laqgha inghatat lill-membri kollha u dawn gew mistiedna sabiex jippartecipaw f'din il-laqgha.

3.2 Bhala parti minn dan il-progett infethu l-offerta *Obimed's Roots Exploration* Ref: OBI 04/11 u l-kwotazzjoni ghall-*Monitoring Committee Consultant* Ref: OBI 05/11 li ghalqu fl-10 ta' Ottubru, 2011. Saret l-iskeda ta' offerti mitfugha.

3.3 Offerta Obimed's Roots Exploration Ref:OBI 04/11 - din l-offerta harget flimkien mal-Malta Tourism Society. Il-budget allokat ghall-Kunsill Lokali l-Gharb huwa ta'

€11,250.00 u dak tal-MTS huwa ta' €10,000.00. Giet sottomessa offerta wahda minghand KRL Ltd ghall-prezz ta' €10,999.00 ghall-Kunsill Lokali l-Gharb u €9,850.00 ghall-MTS ghat-total ta' €20,849.00. Il-Kunsill ra illi l-offerta hija fil-limiti tal-fondi allokati. Il-Kunsill qabel li ghandha tinhatar persuna teknika fil-qasam sabiex taghti l-parir taghha lill-Kunsill dwar l-offerta. Peress li l-offerta inharget b'mod kongunt mal-MTS kopja tad-dokumentazzjoni ghandha tigi mghoddija lill-MTS.

3.4 Kwotazzjoni ghall-Monitoring Committee Consultant Ref: OBI 05/11 – Il-budget allokat ghall-Kunsill huwa ta' €5000.00 inkluz il-VAT. Intefghu zewg kwotazzjonijiet minghand Outsource Management Ltd ghal €4904.08 u PKF Accountants & business advisers ghal €4991.00. Il-Kunsill ra li l-irhas kwotazzjoni sottomessa minn Outsource Management Ltd tilhaq il-kriterji mitluba u ghalhekk gie deciz li din il-kwotazzjoni ghandha tigi awarded lil Outsource Management Ltd.

3.5 Il-Kunsill iddiskuta l-offerta Obimed's Technological Approach Ref: OBI 03/11. Gie spjegat illi z-zewg ingineera proposti fil-laqgha precedenti gew ikkuntatjati izda ma accettawx illi jaghmlu evalwazzjoni tal-offerta. Is-Sindku spjega illi gie ikkuntattjat l-Ingineer Vincent Rapa illi accetta li jaghmel evalwazzjoni ta' din l-offerta. Gie trattat ir-rapport tal-Ingineer Rapa li qed jikkonferma illi l-offerta tilhaq il-kriterji mitluba u ghaldaqstant jirrakkomanda li din ghandha tigi awarded lill-kumpanija Gaudos Projects Ltd., li hija wkoll l-unika offerta li kienet sottomessa. Il-Kunsill qabel unanimament.

**4. Progett 'Gharb's Cultural and touristic conservation project' – Mizura 323.**

4.1 Is-Sindku aggorna lill-Kunsill bl-andament tad-diversi azzjonijiet li jaqghu that dan il-progett.

4.2 Restawr Knisja taz-Zejt - Is-Sindku spjega illi beda jigi armat l-iscaffolding fil-Knisja taz-Zejt. Emanuel Muscat issuggerixxa illi jitnehha il-*high tension* mic-cimiterju. Gie deciz li ghandu jsir appuntament mal-Ingineer Enemalta dwar din il-possibilita'.

4.3 Il-Kunsill qabel li ghandhom isiru 6 bins fiz-zona tac-cimiterju, li jkunu utli b'mod partikolari fix-xahar ta' Novembru.

4.4 Restawr Hitan tas-Sejjieh – Giet trattata korrispondenza minghand Gatt Group of Companies fir-rigward ta' l-offerta taghhom tal-bini ta' hitan tas-sejjieh fejn infurmaw lill-Kunsill li ma jistghux jidhlu ghal dan il-kuntratt ghax mhux ser ilahhqu maz-zmien minhabba *commitments* ohra ta' xoghol li rcevew f'daqqa. Huma talbu li l-bid bond tinghatalhom lura. Il-Kunsill qabel li l-bid bond ghandha tigi mehuda u li ghandu jipprocedi billi jitlob lit-tieni l-irhas offerent Nicky Saliba sabiex jirratifika xi dokumenti tal-offerta skond ir-rakkomandazzjoni tal-bord tal-evalwazzjoni.

4.5 Kwotazzjoni ghall-istudju tas-salib tal-Pjazza – M323/08. Hawnhekk giet sottomessa kwotazzjoni wahda minghand il-Perit Mark Azzopardi ghall-prezz ta' €4956.00. Il-budget allokat ghal din il-kwotazzjoni kien ta' €5057.14. Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-bord tal-ghazla li din il-kwotazzjoni ghandha tinghata lill-Perit Mark Azzopardi.

4.6 Offerta restawr kappella San Dimitri – M323/08. Hawnhekk gew sottomessi zewg offerti minghand Joe Grima ghal €41154.77 u minghand Baron Contracts Ltd ghal €41286.64. Saret diskussjoni dwar l-offerti li intefghu fejn gie spjegat illi l-bord huwa preokkupat jekk l-irhas offerent Joe Grima jilhaqx il-kriterji mitluba ta' esperjenza ta' xoghol simili. Il-Kunsill iddiskuta il-fatt illi hemm *method statement* approvat mill-MEPA u li x-xoghol irid isir skond il-metodu approvat. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li ghandu jintalab il-parir tal-Perit fuq il-progett Edward Scerri dwar il-kwistjoni tal-esperjenza, sabiex il-bord ikun jista' jasal ghal konkluzjoni. Gie innutat ukoll li l-istess kuntrattur Joe Grima halla wkoll is-sezzjoni tal-manutenzjoni vojta, u ghalhekk tinhtieg li ssir kjarifika mal-kuntrattur.

4.7 Offerta restawr arkata fi Triq Sdieri – M323/04. Gie spjegat illi huwa ppjanat illi x-xogholijiet fuq l-arkata jinbdew f'Jannar 2012 u li wara li saru laqghat bejn il-kuntrattur u l-Perit anke fuq il-lant tax-xoghol, il-kuntrattur Dominic & Patrick Refalo gie ikkonfermat.

**5. Progett Eko-Ghawdex.**

5.1 Offerta eko-cab u eko-truck - Giet diskuss il-fatt li s'issa ghadha ma stabitx soluzzjoni ghad-differenza li hemm bejn il-finanzjament eko-ghawdex u l-prezz tat-tender. Ser isiru tentattivi dwar possibilita' ta' *refund* ta' taxxi imhallsa fuq vetturi tal-elettriku jew li jinstab sponsor minghand il-kumpaniji tat-transport.

5.2 Il-Kunsill qabel li jaghmel talba lill Ministru Pullicino sabiex tinghata point fl-Gharb biex jiccargjaw karozzi li jahdmu bl-elettriku. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi diskuss il-possibilita' li jkun allokat spazju ghal din il-point fil-pjazza.

5.3 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-immanigjar tac-centru ta' matul il-jum ghat-tfal. Il-Kunsill qabel li ghandha terga' tigi ppublikata l-offerta peress li l-applikanta tal-offerta precedenti tidher li ma kienx ghadha interessata peress li kinitx qed tirrispondi dak li kien mitluba minnha mill-Kunsill biex tapplika ghac-certifikazzjoni tal-MQRIC.

**5.4** Il-Kunsill iddiskuta dwar ix-xoghol li sar fuq ir-rampa li taghti accessibilita' ghall-Kunsill, liema xogholijiet qed isiru bhala parti mill-offerta tac-centru civiku, permezz ta'

**5.5** fondi mill-iskema ta' accessibilita'. Gie spjegat illi x-xoghol sar taht id-direzzjoni tal-Perit tal-Kunsill Edward Scerri u huwa irid jiccertifika li x-xogholijiet ikunu saru skond is-sengha u l-permess approvat. Emanuel Muscat qal illi r-rampa giet tispicca ezatt got-tarag. Raymond Cassar gibed l-attenzjoni illi l-hajt mhux livellat. Saret spezzjoni ta' dawn il-punti u ser tingibed l-attenzjoni tal-Perit dwarhom sabiex jiehu azzjoni kif ihoss mehtieg.

**6. Aggornament dwar progetti, xogholijiet fit-toroq u xogholijiet ohra.**

6.1 Is-Sindku spjega illi l-foreman tal-WSC George Bonnici waqqaf ix-xogholijiet fil-pjazza peress illi l-pipijiet li kienu qed jitpoggew kienu tal-4" u l-offerta kienet tindika tat-3". Dan kien qed isir peress li l-WSC ma kellhomx hazna ta' pipijiet tat-3".

6.2 Gie spjegat illi sakemm ikun qed isir il-*pressure test* fuq il-mejn tal-ilma fil-Pjazza u fi Triq il-Knisja hemm zewg ghazliet ta' kif jista' jipprocedi x-xoghol. Jista' jsir il-*major patching* fi Triq Trux jew inkella tithammel il-pjazza b'zewg pulzieri u tinghata il-bazi tal-konkos bix-xibka. Il-Kunsill qabel li ghandu jibda x-xoghol tat-tahmil tal-pjazza.

6.3 Gie spjegat illi fil-parti d-dejqa ta' Triq il-Knisja trid tissewwa parti mill-gravity main.

6.4 Gie spjegat illi x-xoghol pendenti f'Wied il-Mielah min naha tal-Water Services Corporation miexi u ghandju jitlesta fi ftit gimghat.

**7. Publikazzjoni ta' materjal tal-ghaqdiet lokali.**

Kif deciz fil-laqgha precedenti sar komunikat mad-DLG fir-rigward ta' publikazzjoni ta' materjal tal-ghaqdiet lokali f'publikazzjonijiet tal-Kunsill. Giet trattata ir-risposta tal-Ufficju Legali tad-DLG li tghid li dan jista' jsir peress li m'hemmx qligh.

7.1 Carmen Vella tablet li tkun skuzata u telqet hin 4.15pm.

**8. Attivitajiet tal-Milied 2011.**

8.1 Il-Kunsill iddiskuta l-attivitajiet tal-Milied li ser jigu organizzati fosthom attivita' socjali ghat-tfal f'kollaborazzjoni mal-parrocca. Gie spjegat illi l-Arcipriet ippropona illi din l-attivita' ghandha ssir fil-Pjazza.

8.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jinzamm il-kuncert annwali tal-Milied b'kollaborazzjoni mal-Banda Vizitazzjoni.

8.3 Gie spjegat illi bhas-sena precedenti l-Europe Direct qed terga' toffri l-opportunita' li l-istudenti tal-iskola Karmni Grima jiehdu sehem fi skambju ma studenti ohra Ewropej fi thejjija ta' dekorazzjonijiet tas-sigra tal-Milied li jigu skambjati u jitnuzaw l'attivita' ta' tizjin tas-sigra tal-Milied. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.4 Is-Sindku ppropona li possibilment ghandu jinzamm suq tal-Milied. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.5 Il-Kunsill qabel ukoll illi ghandha ssir l-attivita' socjali tal-Kunsill.

8.6 Il-Kunsill qabel li ghandha tigi organizzata attivita' li tfakkar Jum is-Sigar maghrufa ahjar bhala Arbor Day. Ghandha ssir proposta lill-iskola primarja sabiex din l-attivita' tinzamm bis-sehem tal-istudenti.

8.7 Il-Kunsill qabel li ghandha tinzamm attivita' socjali ghat-tfal fl-okkazjoni ta' Halloween fl-1 ta' Novembru, 2011.

**9. Skeda ta' pagamenti**

9.1 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti. Il-Kunsill approva wkoll il-hlas ta' pagament *interim* fuq ix-xoghol tac-centru civiku/accessibilita' mill-kuntrattur Mario Formosa.

9.2 Il-Kunsill qabel illi fil-prezent il-librerija ghandha tiftah il-Hamis u s-Sibt minflok it-Tlieta, il-Hamis u s-Sibt peress illi fil-gurnata tat-Tlieta ikun hemm l-iskema tal-GSD.

9.3 Il-Kunsill iddiskuta l-applikazzjoni li qed tigi mhejjija taht Mizura 125 u li tirrigwardja farm roads. Gie deciz li b'zieda mat-toroq imsemmija fil-laqgha precedenti ghandhom jigu inkluzi ukoll it-trejqa minn fejn il-vigu sa hdejn il-fiswa u triq ta' Fargella.

9.4 Bhala follow up ta' dak diskuss fil-laqgha precedenti is-Sindku spjega illi it-telephone boxes mill-antiki ta' kulur ahmar jiswew 600 sterlina il wahda.

**10. Korrispondenza u materji ohra.**

Giet trattata il-korrispondenza segwenti:

Minghand Dr. Robert G. Xuereb fir-rigward ta' Parkegg fi Sqaq Nru 2, Triq Frangisk Portelli, Gharb. Il-Kunsill qabel li jressaq it-talba tas-Sur Xuereb lil Transport Malta.

10.1 Il-Kunsill iddiskuta mera fil-Pjazza li tkissret. Gie spjegat illi meta jispiccaw ix-xogholijiet, din ser tinbidel mill-kuntrattur Gatt illi kien hu li kissirha.

10.2 Minghand il-Maltese Olympic Committee fir-rigward ta' MOC Sports Awards. Il-Kunsill qabel illi japplika permezz tal-inizjattiva tal-loghba tat-tug of war mnedija f'Seher il-Punent 2010.

10.3 Minghand Marco Lambrocchi fir-rigward ta' signs li jixtieq li jwahhal li jindikaw Foresteria Ogygia. Il-Kunsill ma jsibx oggezzjoni li dawn jitwahhlu mat-tabelli li l-Kunsill ga ghandu. Ser issir korrispondenza mat-Transport Malta sabiex jindikaw il-procedura li ghandha tigi segwita. Il-Kunsill innota wkoll li hemm tabelli ta' Sbejha li gew imwahhla minghajr awtorizzazzjoni tal-Kunsill u li jinsabu fil-baxx u milwija. Ghandha tingibed l-attenzjoni taghhom biex dawn jitrangaw.

10.4 Mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, Memo 94/2011 – Tabella fid-Dahla ta' kull playground tal-Kunsilli Lokali. Hawnhekk gie spjegat illi saret applikazzjoni ghal ghajnuna finanzjajra taht l-iskema ta' finanzjament ghall-playing fields Memo 66/2011 ghal titjib fil-gnien fi Triq Tumas Cassar kif ukoll ghall-gnien fi Triq Birbuba. Is-Sindku nforma lill-Kunsill ukoll dwar l-ispezzjoni li saret fuq il-gnien fi Triq Tumas Cassar mill-awtorita' li tirregola l-gonna .

10.5 Minghand ir-Regjun ta' Ghawdex fir-rigward il-kommemorazzjoni ta' Jum Ghawdex.

10.6 Minghand NSO fir-rigward ta' Stharrig dwar il-kompozizzjoni tal-Iskart Municipali.

10.7 Minghand il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita' *Accessibility Audit Report* fir-rigward ta' l-Applikazzjoni PA6080/08 li tirrigwardja emendi fil-permessi tac-Centru Civiku.

10.8 Mill-Ministeru ghal Ghawdex fir-rigward tas-Sur Raymond Rotin li gie assenjat mal-Kunsill Lokali l-Gharb.

10.9 Mill-Malta Council for the Voluntary Sector fir-rigward tal-European Year of Volunteering.

10.10 Mill-FITA fir-rigward ta' kompjuters jitkellmu bil-Malti.

10.11 Minghand Ta' Qali Producers Group fir-rigward ta' laqgha immedjata ghall-membri u bdiewa li jhottu ghand dan il-group.

10.12 Mill-Media Consulta Malta Ltd. fir-rigward ta' kompetizzjoni tat-tpingija ghat-tfal imnedija mill-Kummissjoni Ewropea.

10.13 Mill-MEPA:- Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp PA1296/11, PA1198/11, PA1231/11, PA1126/11 u PA1094/11.

10.14 Lisa Marie Brooke tablet li tkun skuzata u telqet hin 4.45pm.

10.15 Mill-MITA dwar Create, Learn, Succeed – inizjattiva dwar *software* ghal studenti u ghalliema professjonisti.

10.16 Is-Sindku qal li hemm possibilita' li z-zjara lit-territorju tac-Cinque Terre issir fil-perjodu bejn 9-13 ta' Dicembru, 2011 jew 10 ta' Frar, 2012.

10.17 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi l-Arcipriet talab illi l-Kunsill jaghmillu bil-miktub li ser isir ir-restawr tas-salib tal-pjazza peress li qed jghid illi dan huwa propjeta' tal-Knisja. Is-Sindku spjega illi meta saret l-applikazzjoni ghall-fondi kien sar komunikat mas-*Superintendent of Cultural Heritage*, peress li dik kienet il-procedura stabbilita sabiex il-Kunsill setgha japplika ghar-restawr ta' propjeta' tal-Gvern. Il-Kunsill qabel li ma jsibx oggezzjoni li tintbaghat ittra lill-Arcipriet biex jigi notifikat ufficjalment dwar ir-restawr tas-salib tal-pjazza.

Il-laqgha spiccat hin 5.00pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv